MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 208/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Gauci talli f’dawn il-Gzejjer fit-23 ta’ April 2001 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

(a) assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (kokaina) f’dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), jew li jipromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni;

(b) importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f’Malta, hlief skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta);

(c) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontrol Intern ta’ Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pusses ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta’ l-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(d) kellu fil-pusses tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pusses ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussses tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur ta’ regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll Intern tad-Drogi u Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(e) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, ircieva jew accetta ghalih jew ghal xi haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, kien fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imsemmi Emanuel Gauci jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni (e) izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u, wara li rat l-artikoli 15A(1), 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamwnti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu hames snin prigunerija u multa ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) u ordnat li jhallas l-ispejjez peritali fi zmien xahar mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emmanuel (sive Emanuel) Gauci pprezentat fil-25 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tiddikjara s-sentenza appellata mhux esegwibbli fil-konfront tieghu; (2) minghajr pregudizzju, fl-eventwalita` li l-ewwel talba tigi michuda, tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabitu mhux hati tal-hames imputazzjoni, thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza fejn sabitu hati ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u, fl-eventwalita li ma tilqax l-aggravji fuq il-mertu, tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta' Frar 2006 li permezz taghha ddikjarat li l-appell gie

prezentat b'okkju skorrett u interpost f'isem appellant li ma jikkorrispondix ghall-isem korrett li gie indikat fis-sentenza appellata u ghalghekk iddikjarat l-appell irritu u null u, per konsegwenza, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti (1) iddikjarat illi s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-2 ta' Frar 2006 tikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-appelalnt kif protetti u sanciti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 39(1) u 39(7) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikoli l-ohra kollha indikati mill-appellant u konsegwentement (2) irrevokat u hassret is-sentenza msemmija tat-2 ta' Frar 2006, (3( ordnat li l-apepllant jitqieghed fil-posizzjoni li kien fiha qabel it-2 ta' Frar 2006 u (4) ordnat il-prosegwiment tas-smiegh ta' l-appell mis-sentenza msemmija fuq il-mertu u jekk ikun il-kaz dwar il-piena;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' Mejju 2006 li permezz taghha rriformat is-sentenza appellate tat-12 ta' Mejju 2006 billi hassritha u rrevokatha f'dik il-parti fejn iddikjarat li kien hemm lezjoni tad-drittijiety fodnamentali ta' l-imsemmi Emanuel Gauci kif protetti u sanciti bl-artikolu 39(7) tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6(3)(b) tal-Konvenzjoni, izda kkonfermat dik is-sentenza fil-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din is-sentenza din il-Qorti sejra tittratta z-zewg aggravji rimanenti. Skond it-tieni aggravju, l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skorretta tal-ligi u konsegwentement apprezzament kompletament zbaljat u rragjonevoli tal-provi. It-tielet aggravju mbaghad jirrigwarda l-piena.

In konnessjoni mat-tieni aggravju, l-appellant jaghmel diversi sottomissjonijiet:

(i) Jghid li l-ewwel Qorti ghazlet li tasal ghall-konkluzjoni li huwa kien jaf li l-ewwel pakkett/*parcel* kien fih idd-roga meta mir-rizultanzi processwali fl-intier taghhom, tali konkluzjoni qatt ma setghet la legalment u wsiq anqas ragjonevolment tasal ghaliha. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti ghazlet li tiskarta dak li xehed *viva voce* l-appellant u minflok strahet fuq dak li qal *a tempo vergine*. Jekk wiehed ghall-grazzja tal-argument sejjer jistrieh fuq din id-deposizzjoni, isaqsi l-appellant, fejn hi l-prova rikjesta fil-kamp penali li huwa kien jaf li dan l-ewwel *parcel* kien fih id-droga? Kif setghet legalment l-ewwel Qorti tiddeduci konkluzjoni meta tali konkluzjoni mhijiex sorretta mir-rizultanzi processwali? “Jinghad legalment”, jghid l-appellant, “ghaliex fil-kamp penali l-konvinciment morali rikjest ghas-sejbien ta’ htija jrid ikun ibbazat fuq provi u fuq xejn izjed.”

Ikompli jistaqsi l-appellant: “Meta l-partijiet, ossia kemm il-prosekuzzjoni u d-difiza, qed jaghmlu sottomissjonijiet fuq l-artikolu 26(2) tal-Kap. 101, mhijiex din indikazzjoni cara li kemm id-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni qed jaqblu li ma jezistu ebda provi li l-esponent kien konsapevoli dwar il-kontenut tad-droga f’dan il-*parcel*? U allura kif tista’ ragjonevolment l-ewwel Qorti sommarjament tiddikjara li ma tarax li dan l-artikolu 26(2) tal-Kap. 101 huwa applikabbli? Inoltre kif setghet l-ewwel Qorti tiddikjara, ghar-ragunijiet minnha elenkati fis-sentenza taghha, li s-sentenza *‘The Republic of Malta vs Eyre et’* deciza fl-1 ta’ April 2005, mhijiex applikabbli ghall-kaz odjern?” … “U jigi ribadit, jekk tali sentenza mhijiex applikabbli ghax hawn si tratta fuq bniedem li qed ‘jivvinta’, a bazi ta’ liema konsiderazzjonijiet qiegdha l-ewwel Qorti tiddeduci tali konkluzjoni? Jekk l-istess Qorti qieghda tiddikjara li dan mhuwiex il-kaz ta’ bniedem li kiser xi disposizzjoni tal-Kap. 101 jew ta’ xi ligi ohra, allura kif tista’ legalment u ragjonevoklment fl-istess nifs issib htija?”

(ii) L-appellant jirrimarka li n-nuqqas ta’ kjarezza ta’ hsieb li wasslu l-ewwel Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha huwa anki rifles f’siltiet ohra tal-istess sentenza apepllata: “Hekk, per ezempju, jekk il-*‘corpus delicti’* ma nstabx, kif jista’ jigi spjegat li l-ewwel Qorti qwed tattribwixxi htija lill-esponent ghaz-zewg *parcels*? Hekk ukoll, jekk il-*‘corpus delicti’* ma nstabx u jekk l-ispejjez tal-espert Mario Mifsud huma spejjez mhux biss li saru fl-inkjesta izda spejjez li saru fuq l-ezami tat-tieni *parcel* u li fih l-esponent ma kienx involut, kif allura ma hemm ebda riflessjoni ta’ dan fil-parti tas-sentenza fejn qed jigi deciz li l-esponent ghandu jhallas l-ispejjez? Inoltre jekk l-istess Qorti qieghda tghid li l-karta li nstabet ghand Norman Bezzina li fuqha kien hemm miktub isem Gauci M., indirizz u numru tat-telefon mhijiex prova kontra l-akkuzat, ghaliex il-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez tinkludi wkoll il-hlas tal-ispejjez tal-esponent Martin Bajada?

(iii) L-appellant jargumenta illi anke meta l-ewwel Qorti giet biex tiddikjara li ma hemmx htija fuq il-hames imputazzjoni, dik il-Qorti strahet fuq konsiderazzjoni rrilevanti. “Dana qieghed jinghad ghaliex htija fuq il-hames imputazzjoni ma setghet tinstab qatt una volta li gie accettat li l-pagament sar <u>wara</u> li Anthony Gatt inghata l-*parcel*. Anki l-prosekuzzjoni dana tikkoncedieh. Tali imputazzjoni effettivament qatt ma setghet tirrizulta stante li kien karenti l-element tal-accettazzjoni kontemporanejament mal-hlas. Dana l-fattur ukoll, fl-umli fehma tal-esponent, ikompli jsahhah l-aggravju fuq il-mertu mressaq stante li anke hawnhekk huwa evidenzjat applikazzjoni skorretta tal-ligi bil-konsegwenti apprezzament zbaljat tal-provi.”

(iv) Apparti konsiderazzjonijiet dwar il-fatt li hemm karenza totali ta’ provi li jindikaw li huwa kien jaf li fl-ewwel *parcel* kien hemm xi droga, fejn hija l-prova, isaqsi l-appellant, li f’dan l-ewwel *parcel* tabilhaqq kien hemm droga? L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni fuq id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Simon Xuereb. Skond l-appellant, ezami ta’ din id-dikjarazzjoni jindika li tali konkluzjoni Simon Xuereb qed jaghmilha a bazi ta’ dak li qallu haddiehor, u

precizament Norman Bezzina; dan ghalhekk jammonta ghal *hearsay evidence*. “Fl-assenza allura ta’ kwalsiasi prova diretta dwar il-kontenut proprju ta’ dan il-*parcel*, kif setghet l-ewwel Qorti tikkonkludi kif ikkonkludiet? Ghax il-konnotati tal-*parcel* kienu l-istess? Imma l-konotati jissarrfu fil-prova tal-kontenut?”

(v) L-appellant jissottometti wkoll li ma setghetx tinsab htija dwar l-ewwel imputazzjoni, dik ta’ assocjazzjoni. “Minn fejn jirrizulta li kemm Anthony Gatt kif ukoll l-esponent kellhom *‘the intention to deal in drugs’* u fuq kollox kienu ftehmu fuq pjan t’azzjoni? Tabilhaqq mhuwiex pacifiku li anke jekk wiehed mill-elementi kostitutivi ta’ reat huwa nieqes allura r-reat ma jisatx jirrizulta?”

(vi) Skond l-appellant lanqas ma tista’ tirrizulta t-tieni imputazzjoni – u dan apparti konsiderazzjonijiet dwar l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 – peress illi *dato ma non concesso* li f’tali *parcel* kien hemm id-droga, tali droga diga` kienet giet impurtata f’Malta. Dan il-punt, jghid l-appellant, juri, anke jekk indirettament, li l-ewwel Qorti bl-applikazzjoni zbaljata tal-ligi waslet biex taghmel konkluzjonijiet erroneji b’mod li f’dan il-kaz is-sejbien ta’ htija fuq l-ewwel erba’ imputazzjonijiet huma mhux biss *unsafe and unsatisfactory* imma dan il-kaz ihalli ferm izjed milli *lurking doubt* fuq il-kolpevolezza tieghu, tant illi tali sejbien ta’ htija tohloq sens ta’ ingustizzja.

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha

quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1]

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **The Republic of Malta v. Steven John LewisMarsden**, 2 ta' Novembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Giosue` Gauci**, 28 ta' Dicembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nader Abdulaziz Elgerian et**, 28 ta' Dicembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet. Qabel ma tikkunsidra l-provi, pero`, sejra taghmel xi osservazzjonijiet fuq dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad li l-ewwel Qorti ma kinitx tara li japplika l-artikolu 26(2) tal-Kap. 101. "Hawn mhux il-kaz ta' bniedem li kiser 'xi disposizzjoni ta' din l-Ordinanza jew ta' xi ligi ohra' imma ta' bniedem li qed jivvinta biex jghatti ghemilu." L-appellant jara kontradizzjoni bejn id-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti u s-sejbien ta' htija. Apparentement fil-fatt hemm kontradizzjoni, peress illi l-appellant instab hati proprju ta' disposizzjonijiet li jaqghu taht il-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-kontradizzjoni hi biss apparenti peress illi l-kuntest li fih kienet qed titkellem l-ewwel Qorti kien jirrigwarda proprju l-artikolu 26(2) tal-Kap. 101 u dik il-Qorti ma kinitx qed tqisu applikabbli ghall-kaz, ossia ma kinitx qed tikkunsidra il-htiega li tapplikah peress illi mill-provi li kellha quddiemha hija kienet sodisfatta li kellha quddiemha bniedem li qieghed "jivvinta". Difatti jidher li dik il-Qorti kienet qed tghid li hija ma emmnitx lill-appellant "li ma kiser l-ebda ligi, li ghamel kollox sew u li ma kien jaf xejn."

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-provi. Irid jinghad l-ewwelnett illi din il-grajja tirrigwarda zewg *parcels* separati. L-investigazzjoni tal-Pulizija bdiet fir-rigward tat-tieni *parcel* li wasal Malta fl-ahhar gimgha ta' Marzu 2001 u li dwaru l-Pulizija kellha informazzjoni li kien jikkontjeni xi droga. Din l-investigazzjoni wasslet ghall-arrest ta' diversi nies, fosthom l-appellant, Anthony Gatt, Lorry Gatt, Simon Xuereb u Norman Bezzina. L-appellant gie arrestat wara li fir-residenza ta' Norman Bezzina, instabet karta li fuqha kien hemm miktub "Gauci M, 258 St. Mark, Triq l-Imdina, Qormi" u n-numru 443810. Huwa ghamel stqarrija lill-Pulizija li anke kkonferma bil-gurament. Dwar dan it-tieni *parcel* – li nstab li kien jikkontjeni d-droga kokaina – ma jirrizultax illi l-appellant kellu xi involviment. Kull ma jirrizulta hu li huwa gie avvicinat minn hu l-mara tieghu, Anthony Gatt, u anke minn Norman Bezzina biex johrog il-*parcel*. Issa, l-

appellant kien jahdem il-posta l-Marsa bhala fizzjal tad-Dwana u l-*parcel* kien il-Hamrun, u l-appellant qallhom li peress li l-*parcel* kien il-Hamrun ma setax johorgu. Dan jirrizulta car mill-istqarrija guramentata ta' l-appellant, mix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti, u mix-xiehda ta' Anthony Gatt. Ghalhekk iridu jigu ezaminati l-provi li jirrigwardaw l-ewwel *parcel*.

Dan l-ewwel *parcel* kien wasal f'nofs Marzu u huwa utili hawn li jigi riprodott dak li ntqal fl-istqarrija guramentata ta' l-appellant dwaru:

"M. Tiftakar li xi xahar u nofs ilu, ezattament fl-14 ta' Marzu 2001, kien hemm *parcel* iehor. Kien gie Tony ghalih ukoll halli johorgu?
R. Jidhirli iva, li kien xi nofs Marzu 2001, kien gie Tony Gatt b'karta zghira, li fuqha kien hemm miktub isem u jidhirli l-istess Joe Portelli, u l-kelma 'stables' miktuba. Dan il-*parcel* kien fih daqs xi pied kwadru jew ftit aktar. Kien *parcel* tal-*brown paper* u kien gej mill-Canada. Niftakar li kienu ddikjarati bhala *auto-parts*, u kien hemm il-valur b'Canadian Dollars. Hallas xi dazju li hdimtlu jiena stess, u hallas xi ftit dazju. Hrigtlu rcevuta.

M. Inti ftahtu l-*parcel* biex tara x'kien fih?
R. Iva ftahtu u sibt li kien hemm *auto-parts*.

M. Kif kienu l-*auto-parts*?
R. Ma niftakarx.

M. Kemm tawk flus Tony jew Norman talli hrigt l-ewwel *parcel*?
R. Norman fl-ewwel *parcel* ma deherx. Ma' Tony biss thaddidt. Tony tani l-Lm100 hemm gew stess. Tahomli fl-ufficcju li ghandi hemmhekk il-Posta. Tony qalli li fil-*parcel* kien hemm ftit deheb.

M. Ghaliex allura tak il-Lm100?
R. Tani l-Lm100 talli mexxejtlu l-*parcel* malajr, peress li huwa kien qalli li kien fih id-deheb.

M. Inti rajtx jekk fil-fatt kienx hemm deheb jew affarijiet ohra?
R. Ma ccekkjajtx sewwa, dahhalt ftit idi, hassejt qisha xi hadida u daqshekk. Fil-*parcel* jiena ma ttawwaltx sewwa. Ma nafx ezatt x'kien hemm fil-*parcel*. Deheb fih jiena ma rajtx. Kull ma ghamilt kien li missejt il-wicc u ghalaqtu b'tape tad-dwana.

M. Dazju fuq l-ewwel *parcel* kemm hallas?
R. Xi cucata. Zgur li ma hallasx Lm100. Hafna anqas."

Meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti spjega li kien mar Tony (Twanny) Gatt ghandu u saqsieh jekk johroglux *parcel* ta' habib tieghu. Dan Tony Gatt ir-ragel ta' ohtu u jafdah. Talbu l-avviz izda dan Gatt qallu li tilfu. Ghalhekk, kif gieli jsir, inhareg *duplicate* mill-posta, il-*parcel* instab u ngab quddiemu. Huwa fethu bicca, ra u miss daqsxejn b'idu, ra li hu xi haga iebsa, xi hadid, u tahulu l-*parcel* lil Gatt. Hija fid-diskrezzjoni tal-fizzjal tad-Dwana jekk jiftahx il-*parcel* kollu jew le; "jekk trid ma tiftahx, affari tieghek, tiehu r-riskju int". L-appellant qal li l-*parcel* kien assigurat ukoll u ghalhekk kompla serrah rasu. Gatt telaq u sadattant l-appellant hadem l-ispejjez – dazju u VAT – li kienu xi Lm13. Meta Gatt rritorna tah *envelope* li sab li kien fih Lm100. Fejn fl-istqarrija tieghu qal li Tony kien qallu li kien hemm ftit deheb, dan kien b'referenza ghat-tieni *parcel*. In kontroezami kkonferma li fir-rigward ta' l-ewwel *parcel* ma ssemmiex deheb.

Anthony Gatt li ssemma mill-appellant xehed f'dawn il-proceduri. Huwa spjega li kien hemm okkazjoni meta huh Lorry Gatt kien tah bicca *rough paper* b'isem u kunjom u indirizz u talbu jaghmilx mezz igib il-kaxxa ghax tilef il-karta. Huh qallu li l-kaxxa kienet ta' Norman Bezzina. Huwa cempel lill-appellant, tah id-dettalji, u dan saqsieh minn fejn giet. Ix-xhud qal li saqsa lil huh, dan qallu li mill-Kanada, u ghalhekk cempel lill-appellant mill-gdid. Imbaghad cempillu l-appellant biex jghidlu li l-kaxxa kienet il-Marsa. Lill-appellant mar ghandu "b'kunfidenza ghax jigi hu l-mara tieghi". Meta ha l-kaxxa, l-appellant qallu li kien hemm xi spejjez, ix-xhud qallu li jirritorna aktar tard ghax ma kellux flus fuqu. Ikkonsenja l-kaxxa lil huh, Lorry Gatt,

u dan tah *envelope* b'xi flus. Qabad Lm100 u tahom lill-appellant go *envelope*. L-appellant kellmu xi gimgha wara u qallu li kien hemm iz-zejjed, u hu qallu jerhilhom ghax ma kinux tieghu. Lill-appellant ma qallux x'kien fiha l-kaxxa ghax ma kienx jaf x'kien fiha. Qabel ma l-appellant tah il-kaxxa, fetahha, dahhal idejh, issigillaha rega' u ghalaqha bit-tape tad-Dwana.

Dwar jekk din il-kaxxa, ossia *parcel*, kinitx tikkontjeni droga, issir riferenza ghall-istqarrija guramentata ta' Simon Xuereb, Huwa veru li jghid li kienet tikkontjeni kokaina ghax qallu hekk Norman Bezzina. Izda dan Simon Xuereb jispjega l-ghamla tal-*parcel* (li kienet l-istess jew simili ghat-tieni *parcel* li gie intercettat mill-Pulizija u li kien fih il-kokaina) u c-cirkostanzi ta' l-ispacc tal-kontenut ta' dak l-ewwel *parcel*.

L-ewwel Qorti qalet fis-sentenza taghha li meta l-appellant xehed quddiemha biddel affarijiet importanti li kien stqarr f'dikjarazzjoni guramentata u ghalhekk qalet li ma setghetx tistrieh fuqu u lanqas fuq Anthony Gatt. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-akbar tibdil li ghamel l-appellant kien jirrigwarda jekk Tony Gatt qallux li l-*parcel* kien jikkontjeni deheb fir-rigward ta' l-ewwel jew tat-tieni *parcel*. Fl-istqarrija guramentata tieghu l-appellant jghid darbtejn li Tony Gatt qallu li kien hemm deheb. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li fil-fatt ir-riferenza ghal deheb kienet fir-rigward tat-tieni *parcel*. Tony Gatt jichad li qallu li kien fih id-deheb. Din il-Qorti hi aktar propensa li temmen dak li l-appellant qal *a tempo vergine*. Dan fil-fatt jaghmel aktar sens meta jirrizulta illi dwar it-tieni *parcel*, wara li kien mar ghandu Tony Gatt b'avviz u l-appellant qallu li l-*parcel* kien il-Hamrun u seta' jigbru minn hemm, kien mar ukoll Norman Bezzina biex jigbor l-istess *parcel* u qal lill-appellant li dak it-tieni *parcel* kien fih kilo deheb. Jigifieri jaghmel sens illi anke dwar l-ewwel *parcel* kien issemma deheb. Issa, jekk tittiehed bhala veritjera l-ewwel verzjoni, cioe` li l-appellant gie nfurmat li kien hemm xi deheb f'dak l-ewwel *parcel*, din il-Qorti tghid mill-ewwel li ma jistax b'daqshekk jigi prezunt illi kien jaf li l-*parcel* kien jikkontjeni droga u mhux deheb. U biex jissussitu l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, irid jigi pruvat li l-

appellant kien jaf li l-*parcel* in kwistjoni kien jikkontjeni droga.

L-ewwel Qorti tghid li l-appellant ghamel tahwida shiha dwar il-ftuh tal-*parcel*. “Spare parts/deheb, dahhal idejh gol-kaxxa, hass hadid, fittex go fih, ma harisx lejn dak li hassu idejh.” Din il-Qorti temmen li din it-“tahwida” hi wahda apparenti. Jidher li l-appellant uza d-diskrezzjoni tieghu – naturalment b’mod hazin jekk kien gie nfurmat li l-*parcel* kien jikkontjeni deheb meta l-kontenut kien gie dikjarat bhala *auto parts* – biex ma “jzarmax” il-*parcel* u ghalhekk dak li ghamel kien li fetah bicca, miss b’idu u ra li kienet xi haga iebsa, xi hadid, u rega’ ssigilla, kollox *in a perfunctory manner*. Fl-istess hin din il-Qorti temmen illi kien hemm numru ta’ fatturi li geghluh ma jissuspettax illi kien hemm xi haga illegali, cioe` xi droga li l-importazzjoni taghha hi projbita, fil-*parcel* u li allura minhabba fihom ma ndagax oltre: il-fatt li Tony Gatt kien mizzewweg lil oht l-appellant, il-fatt li kien jafdah, u l-fatt li l-*parcel* kien assigurat.

L-ewwel Qorti tghid ukoll li l-appellant ftiehem minn qabel li ser johrog il-*parcel* u hargu. Huwa minnu li hareg il-*parcel* izda, tistaqsi l-Qorti, ftiehem ma’ min? Minn imkien ma jirrizulta illi kien hemm xi ftehim precedenti. Minn imkien ma jirrizulta illi l-appellant kien jaf li se jasal minn barra l-*parcel* in kwistjoni. Anthony Gatt spjega x’wassal biex jikkuntattja lill-appellant u dak li sar wara li kkuntattjah. Kieku verament l-appellant kien involut fl-assocjazzjoni, kif gie akkuzat, ma kienx jigi kkuntattjat minn qabel sabiex fl-ewwel lok ikun jista’ jaghti l-informazzjoni dwar id-distribuzzjoni tal-*parcels*? M’hemm l-ebda prova li sar xi kuntatt mieghu minn qabel biex jigi assigurat li l-*parcels* jaslu u jibqghu fil-posta tal-Marsa fejn kien jahdem hu. Kif graw l-affarijiet, *parcel* minnhom baqa’ l-Marsa u l-iehor intbaghat il-Hamrun. Imbaghad, u dan huwa fattur ta’ rilevanza u importanza kbira, meta gie avvicinat minn zewg persuni dwar it-tieni *parcel*, bl-ebda mod ma jirrizulta li pprova jaghti xi ghajnuna ghar-rilaxx tieghu.

L-ewwel Qorti qalet illi l-appellant hareg bl-iskuza ta' l-*auto-parts* u wara holoq id-deheb. Izda mbaghad tghid li ma ghamel xejn meta kien jaf minn qabel dwar deheb u sab iddikjarati *auto-parts*, u ma segwiex il-procedura dwar l-importazzjoni tad-deheb minkejja li jaf il-proceduri. Din il-Qorti tosserva illi l-*auto-parts* mhix kwistjoni ta' skuza – kien hemm dikjarat fuq il-*parcel* li kienu *auto-parts*. Dwar id-deheb, in vista ta' dak li diga` osservat din il-Qorti aktar 'il fuq, ma jirrizultax li holoq l-istorja tad-deheb hu. U hawn jidher li kien in-nuqqas ta' l-appellant, li jekk kien gie nfurmat li l-kontenut kien deheb meta fuq il-*parcel* kien hemm miktub *auto-parts*, huwa rrilaxxja l-*parcel* minghajr ma segwa l-proceduri normali li kienu jinvolvu li d-deheb jintbaghat ghand il-konslu ghall-valutazzjoni. Mill-gdid, pero`, din il-Qorti jkollha tirribadixxi li s-semplici fatt li rrilaxxja l-*parcel* ma tikkostitwix prova li kien jaf li hemm droga fih.

Frankament, u wara li din il-Qorti ezaminat fid-dettall il-provi kollha li ngabu quddiem l-ewwel Qorti, hija temmen illi l-uniku mod ta' kif l-appellant seta' jinsab hati tar-reati addebitati lilu kien ikun bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 26(2) tal-Kap. 101.

L-artikolu 26(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej:

**"Meta r-reat li bih persuna tkun akkuzata ikun dak ta' pussess ta', jew bejgh jew traffikar ta', medicina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza l-akkuzat ma jkunx jista' jiddefendi ruhu kontra dik l-akkuza billi jipprova illi huwa haseb li kellu fil-pussess tieghu, jew li kien qed ibiegh jew jittrafika, xi haga li ma kenitx il-medicina msemmija fl-akkuza jekk il-pussess ta', jew il-bejgh jew traffikar ta', dik il-haga ohra kien ikun, fic-cirkostanzi, bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' din l-Ordinanza jew ta' xi ligi ohra."**

Skond dan l-artikolu mela, ma tistax tingab bhala difiza li persuna hasbet li l-oggett li kellha fil-pussess taghha jew li bieghet jew ittraffikat kienet medicina differenti minn dik imsemmija fl-akkuza jew li kien oggett iehor bi ksur ta' ligi

differenti. It-tifsira ta' dan l-artikolu appena citat, pero`, inbidlet in forza tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **The Republic of Malta v. Gregory Robert Eyre et** ta' l-1 ta' April 2005, fejn gie deciz li l-effett kumulattiv ta' l-espressjonijiet *"it shall not be a defence to such charge"* u *"or of any other law"* kien johloq zbilanc kontra l-akkuzat. Dik il-Qorti ddikjarat illi f'dak il-kaz:

***"the fundamental right to a fair trial as guaranteed by Section 39(1) of the Constitution and by Article 6(1) of the European Convention is likely to be contravened in relation to appellant Susan Jane Molyneaux by the application of subsection (2) of Section 26 of the Dangerous Drugs Ordinance (Cap. 101) as at present in force; consequently sends back the record of the proceedings to the Criminal Court with a direction that that Court, and any other Court of Criminal Justice which may subsequently deal with the case, is to ignore the words "or of any other law" in subsection (2) of the said Section 26 if called upon to apply or interpret that subsection."***

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak it-taghlim ghandu japplika wkoll f'dan il-kaz.

Mill-provi kollha mressqa, u wara li din il-Qorti ghamlet l-osservazzjonijiet kollha fuq elenkati, hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-appellant kien b'xi mod konxju tal-fatt li l-*parcel* li huwa rrilaxxja lil Tony Gatt kien jikkontjeni d-droga. Lanqas ma hemm l-icken prova li huwa kellu ghalfejn jissuspetta li dak il-*parcel* kien jikkontjeni d-droga. U jekk haseb li kien hemm xi deheb fih, xorta, in vista tas-sentenza appena citata, dan il-fattur ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni sabiex tinstab htija ghar-reati kontemplati fil-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bihom gie akkuzat. Huwa interessanti li wiehed jinnota li l-ufficjal prosekutur quddiem l-ewwel Qorti (li kien ukoll ufficjal investigator) fit-trattazzjoni tieghu quddiem dik il-Qorti talab is-sejbien ta' htija proprju a bazi ta' l-artikolu 26(2) tal-Kap. 101 peress li kien jemmen li l-appellant verament haseb li fl-ewwel *parcel* kien hemm id-deheb. Din it-trattazzjoni saret qabel

ma nghatat is-sentenza msemmija **The Republic of Malta v. Gregory Robert Eyre et**.

Din il-Qorti ghaldaqstant m’ghandha l-ebda dubju li l-appell jimmerita akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tal-hames imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah u b’hekk tilliberah ukoll minn kull piena, inkluz mill-ordni ghall-hlas ta’ l-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------